RETTIFIKA

Rettifika tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE

(Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 176 tas-27 ta' Ġunju 2013)

1. F'paġna 358, l-Artikolu 22(4),

   minflok: "…mhux soġġetta għas-superviżjoni skont din id-Direttiva jew skont id-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE jew 2004/39/KE.",

   aqra: "…mhux soġġetta għas-superviżjoni skont din id-Direttiva jew skont id-Direttiva 2009/65/KE, 2009/138/KE jew 2004/39/KE.";

2. F'paġna 375, l-Artikolu 67(1), il-punt (n),

   minflok: "…jew f'każijiet fejn l-Artikoli 28, 51 jew 63 ta' Regolament (UE) Nru 575/2013 jipprojbixxu tali pagamenti lil detenturi ta' strumenti inklużi fil-fondi proprji;",

   aqra: "…jew f'każijiet fejn l-Artikolu 28, 52 jew 63 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jipprojbixxi tali pagamenti lil detenturi ta' strumenti inklużi fil-fondi proprji;";

3. F'paġna 400, l-Artikolu 117(4), l-ewwel subparagrafu, il-kliem introduttorju,

   minflok: "… fejn tali deċiżjonijiet ikunu ta' importanza għall-kompiti superviżorji ta' awtoritajiet kompetenti oħra:",

   aqra: "… fejn tali deċiżjoni tkun ta' importanza għall-kompiti superviżorji ta' awtoritajiet kompetenti oħra:";

4. F'paġna 408, l-Artikolu 133(3)'

   minflok: "3. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet jistgħu jkunu meħtieġa jżommu, b'żieda mal-kapital tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni miżmum biex jiġi sodisfatt ir-rekwiżit ta' fondi proprji impost bl-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ….",

   aqra: "3. Għall-fini tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet jistgħu jkunu meħtieġa jżommu, b'żieda mal-kapital tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni miżmum biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' fondi proprji imposti bl-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ….";

5. F'paġna 416, l-Artikolu 142 (1), it-tieni subparagrafu,

   minflok: "L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu tali awtorizzazzjonijiet biss abbażi tas-sitwazzjoni individwali tal-istituzzjoni ta' kreditu …",

   aqra: "L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu tali awtorizzazzjonijiet biss abbażi tas-sitwazzjoni individwali tal-istituzzjoni …";

6. F'paġna 421, l-Artikolu 158(5), l-ewwel sentenza,

   minflok: "5. … l-awtoritajiet kompetenti … għandhom jistabbilixxu u jippresjedu kulleġġ ta' superviżuri sabiex jiffaċilitaw …l-iskambju ta' informazzjoni skont l-Artikolu 60.",

   aqra: "5. … l-awtoritajiet kompetenti … għandhom jistabbilixxu u jippresjedu kulleġġ ta' superviżuri sabiex jiffaċilitaw … l-iskambju ta' informazzjoni skont l-Artikolu 50.".